# REĊENSJONIJIET

**"L-OSPIZJU TAL-FURJANA U L-ERWIEĦ TA' WIED GĦAMMIEQ"**, ta' A. Cremona. Maħruġ mid-Dipartiment ta' l-Informazzjonijiet. — Malta, 1959.

Dan il-ktieb hu edizzjoni ta' sensiela ta' artikoli li kienu dehru fil-perjodiku "Il-Furjana". Billi dawk l-artikoli għandhom siwi storiku kbir, aħna konna ħajjarna lill-awtur biex jiġborhom fi ktieb għalih. Is-Sur Cremona mhux biss ġabarhom flimkien, iżda saħħaħhom bi studju u riċerki ġodda, żied ħafna tagħrif ta' fejda u issa tana din il-biċċa xogħol li titfa' ħafna dawl fuq wieħed mill-istabbilimenti l-aktar magħrufa tal-Gvern.

Il-ħila tas-Sur Cremona bħala studjuż, bħala letterat u bħala kittieb huma magħrufin minn kulħadd. Huwa għaref ekletiku u ta' dan għandna xhieda l-ħafna xogħlijiet tiegħu fuq suġġetti differenti; imma għalkemm huma differenti kollha għandhom xeħta koerenti għax kollha huma maħdumin u miktubin bil-għaqal, bis-sengħa u bil-ħila ta' mgħallem.

L-Ospizju hu wieħed mill-istabbilimenti tal-Gvern mill-aktar qodma u mill-aktar meħtieġa fil-Gżira tagħna. L-istorja tiegħu hi ta' interess kbir u kurjuża ħafna, għax matul il-medda tas-snin għaddew bosta ġrajjiet minn fuqu u saru bosta tibdiliet fih. Minn dar għax-xjuħ baqa' baqa' sakemm sar rikoveru għax-xebbiet, sptar tal-moħħ, ħabs għan-nisa priġunieri u post għat-tfal iltiema u fl-aħħar, wara li tbattal min-nies, bħala mħażen ta' l-Ordinanza. Dawk il-ġrajjiet u xi ftit minn dawk it-tibdiliet kellhom kosegwenzi kbar fil-ħajja tal-poplu tagħna u fix-xejra ta' l-amministrazzjoni kif ukoll fis-sistema dipartimentali u fis-servizzi tas-saħħa ta' Malta. Is-Sur Cremona bl-istil tiegħu kompit u mimli, għaraf jirrakkonta l-istorja ta' l-Ospizju bil-fasi kollha u bl-episodji ewlenin u bit-taqlib li għadda minnhom taħt tliet saltniet: il-Kavalieri, il-Franċiżi u l-Ingliżi. Il-maniera li biha huma miktubin dawk il-ġrajja hija interessanti u pjaċevoli hekk li min jaqbad jaqra l-ktieb ma jitilqux minn idejh qabel itemmu.

Fir-riċerki tiegħu l-awtur iltaqa' ma' ħafna materjal li qabel ma kienx magħruf, bħalma huma s-sistemi ta' l-amministrazzjoni ta' l-Ospizju taħt il-Kavalieri u taħt l-Ingliżi, id-dmirijiet tal-kapijiet, il-mod li bih kienu ittrattati l-morda tal-moħħ fid-"Domus Charitatis", kif kien jismu uffiċjalment dak l-istabbiliment, u ħafna ċirkostanzi oħra li f'din id-daqsxejn ta' kitba ma nistgħux insemmuhom kollha.

L-awtur jagħlaq il-ktieb billi jagħti tagħrif tajjeb dwar ir-rabta ta' l-Ospizju maċ-Ċimiteru ta' Wied Għammieq, rabta li għalkemm kienet magħrufa, iżda ħadd ma kien għadu fissirha hekk bir-reqqa bħlas-Sur Cremona. Id-deskrizzjoni tiegħu ta' dak iċ-ċimiteru hija wkoll miġbuda minn id ta' mgħallem.

Il-ktieb hu stampat sabiħ, bi stil letterarju ċar, dokumentat u mirfud minn riċerki bil-għaqal u tal-ħsieb, imma biex din il-biċċa xogħol ma jkun jonqosha xejn, fiha ħafna stampi sbieħ u pjanti li jżejnuha u jagħtuha għamla distinta. Għalhekk ta' min jifraħ lis-Sur Cremona għal din l-aħħar biċċa xogħol siewja u interessanti. G.

IL-MALTI
QARI LI TOĦROĠ IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI
DIĊEMBRU 1959

# IL-FESTI ĊENTINARJI PAWLINI

*GĦELUQ id-Dsatax-il Mitt Sena minn mindu l-Appostlu San Pawl b'amar mis-Sema l-mewġa tal-baħar xeħtitu fuq l-art tal-Gżejjer tagħna, Malta sejra tfakkar bl-aktar xhieda ta' qima l-imħabba u d-devozzjoni tagħha lejn dak il-Missier mibgħut minn Alla biex jifdiha mid-dlamijiet tal-paganeżimu.*

*Kull Malti u kull xirka f'dawn il-gżejjer, sew soċjali, kemm reliġjuża, sejrin jieħdu sehem f'dawn il-wirjiet ta' Fidi Nisranija u mħabba lejn l-Appostlu Missierna — imħabba li mill-bidu tal-Kristjaneżmu f'din il-Gżira baqgħet dejjem tħeġġeġ fi qlub il-Maltin.* ... ... ...... ......

*Mindu bis-saħħa tal-miġja ta' San Pawl tnisslet f'Malta l-Fidi Nisranija, l-għeruq tagħha baqgħu dejjem sħaħ u ebda riefnu ta' idejiet foloz kontra tagħha ma kellu l-ħila jqaċċathom minn din l-art li fiha sabu tisqija u kultivazzjoni tajba; ebda tilqima ta' idealoġija materjalista ma ħassret id-demm tas-siġra, li tħawet minn idejn l-Appostlu Missierna f'dina l-art għażiża, bil-filosofija, xjenza, letteratura jew tagħlim ieħor tagħha, bħalma ħassret id-demm ta' dik li tħawlet f'artijiet oħra.*

*Aħna, fiċ-ċokon tagħna, bħal Xirka letterarja li nibtet taħt is-saqaf ta' Għaqda Kattolika taħt il-ħarsien ta' l-ixjeħ Qaddis Protettur tal-Haddiem Malti messna f'din l-okkażjoni hekk għażiża x-xorti li nieħdu wkoll sehem sabiħ bix-xogħol tagħna bħala Kittieba tal-Malti. F'Laqgħa tal-Kunsill, fuq suġġeriment tal-Prof. Mons. E. Coleiro, Segretarju tal-Festi Ċentenarji Pawlini, ittieħdet deċiżjoni biex il-Membri tal-Għaqda jikkontribwixxu b'xi versi kommemorativi taċ-Ċentenarji Pawlini.*

*Għandna l-pjaċir, għalhekk, ngħarrfu li, wara sejħa magħmula minn tnejn mill-Membri tal-Għaqda maħturin mill-Kunsill biex jieħdu ħsieb tal-ġabra, għażla u stampa ta' dawn il-versi sejrin ngħaqqdu f'daqsxejn ta' ktieb bukkett sabiħ ta' fjuri poetiċi mill-Musa tal-Kittieba tagħna, li bi ħsiebna noffru biex dawn iżidu u jżejnu ma' dawk l-offerti sbieħ li bihom il-Festi Ċentenarji Pawlini fil-Gżejjer ta' Malta jfakkru bl-akbar u l-egħżeż xhieda ta' qalb il-Maltin dik il-ġrajja kbira li ħarġithom mid-dlamijiet għad-Dawl tas-Sema li baqa' jiddi sabiħ fuqhom fil-paġni ta' l-istorja tagħna.*